**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Colin Galea**

**Kumpilazzjoni numru 6/2018**

**Illum 19 ta' Gunju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Colin Galea** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 187991 (M) billi huwa akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Talli fl-4 ta' Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa Mr. Clean Car Wash, Triq San Mikiel, Iklin ikkommetta serq ghad-detriment ta' Jurgen Bugeja u/jew persuni jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur ta' anqas minn 2329.37 Ewro;

2. U aktar talli nhar il-5 ta' Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa Mr. Clean Car Wash, Triq San Mikiel, Iklin ikkommetta serq ghad-detriment ta' Jurgen Bugeja u/jew persuni jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin;
3. U aktar talli nhar il-5 ta' Jannar 2018, u anke matul il-granet ta' qabel gewwa Mr. Clean Car Wash, Triq San Mikiel, Iklin, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jigifieri ghamel hsara fil-makkinarju tal-imsemmi stabbiliment liema hsara tammonta ghal total ta' 10154.43 Ewro ghad-detriment ta' Jurgen Bugeja u/jew persuni jew entitajiet orha;

U aktar talli matul ix-xahar ta' Jannar 2018:

4. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta), b'digriet moghti mill-Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D li permezz tieghu huwa naghta l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa tal-Imsida kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha u kif ukoll li jirrisjedi gewwa l-fond: Wild Rose, No. 6, Triq F.M. Ferritti, Qajjenza, Birzebbuga u jkun gewwa bejn il-11:00 hrs sas-07:00 hrs.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li titratta mal-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tas-7 ta' Frar 2018 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Laqghet it-talba biex isir *Pre-Sentencing Report* dwar l-imputat.

Semghet lir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole Glen Grixti li hejja *Pre-Sentencing Report* dwar l-imputat.

Il-Qorti rat il-*Pre-Sentencing Report* imhejji mill-Probation Officer Glen Grixti.

> ***Fatturi identifikati**.*
>
> *Colin qed jiġi akkużat li fl-4 u fil-5 ta' Jannar 2018 ikkommetta serq minn Mr Clean Car Wash ġewwa l-Iklin. Huwa qed jiġi imputat ukoll li volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor. Finalment Colin jinsab imputat li f'Jannar 2018 naqas milli jħares xi waħda mil-kundizzjonijiet imposti fuqu mil-Qorti Kriminali b'digriet tal-Imħallef Dr Giovanni Grixti li permezz tiegħu ingħata l-ħelsien mil-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.*

*Jidher li Colin kellu tfulija instabbli ħafna. L-imputat jgħid li fi tfulitu kien vittma ta' abbuż fiżiku u psikoloġiku mill-ħabib ta' missieru li dak iż-żmien kien f'relazzjoni ma' ommu.*

*Ir-relazzjoni tal-imputat mal-familjari tiegħu, partikolarment ma' ommu hija waħda instabbli wkoll. Dan għaliex matul is-snin kien hemm perjodi fejn bejniethom kien hemm relazzjoni u komunikazzjoni tajba, madanakollu kien hemm diversi perjodi oħra fejn kien hemm ħafna nuqqas ta' qbil u argumenti bejniethom, liema argumenti ġieli eskalaw. Saħansitra l-imputat instab ħati diversi drabi mill-Qorti li wettaq ħsara fuq il-propjetà ta' ommu, heddidha u li kkawżalha biża' li ser tintuża vjolenza kontriha. Madanakollu fil-preżent huwa jgħid li għandu relazzjoni tajba magħha u jgħid li hija qed tgħinu anke mill-aspett finanzjarju. Minkejja din ir-relazzjoni tajba ta' bejniethom, Colin ma riedx li l-Uffiċjal tal-Probation jagħmel kuntatt magħha u jintervistaha għall-fini ta' dan ir-rapport.*

*Colin għandu storja ta' abbuż tad-droga. Matul is-snin huwa abbuża minn diversi sustanzi fosthom mill-kokaina u l-eroina. Il-problema tad-droga, partikolarment dik mid-droga kokaina, wasslitu sabiex ikollu diversi problemi mal-Ġustizzja hekk tindika l-Fedina Penali tiegħu. Ħarsa lejn il-Fedina Penali jirriżulta li huwa nstab ħati ta' pussess tad-droga kokaina u kannabis, pussess ta' arma taqta' u bil-ponta, pussess ta' munizzjon, sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni, ħsara fi ħwejjeġ ħaddieħor, ksur ta' bon ordni u li ta fastidju, hedded u kkawża biża' lil Stephanie Mallia. Fl-2016 Colin instab ħati wkoll li ma obdiex l-Ordnijiet leġittimi tal-pulizija u li kien reċidiv.*

*Colin kellu l-ewwel kuntatt mal-Aġenzija Sedqa fl-Lulju 2013. Mill-kuntatt li sar mas-social worker Duncan Veneziani jirriżulta li r-relazzjoni tal-imputat mal-familjari hija nstabbli. Jirriżulta li fil-passat l-imputat kellu diversi relapses u għaldaqstant ikun ta' ġid għalih li jingħata l-opportunità li jipparteċipa fi programm residenzjali.*

*Jirriżulta li waqt li l-imputat qed jinżamm ġewwa l-FKK, huwa applika għall-programm kontra l-vizzju tad-droga. Ta' min jinnota li fil-passat Colin daħal darbtejn ġewwa l-Komunità Santa Marija iżda qatt ma kkompletah b'suċċess. Filfatt jirriżulta li fl-2015 huwa tkeċċa mill-programm u fl-2017 telaq kontra l-parir tal-professjonisti. Colin qatt ma kellu kuntatt mad-Detox filwaqt li l-kuntatt mal-Aġenzija Caritas kien wieħed sparodiku ħafna.*

*Mill-informazzjoni miġbura jirriżulta li fi Frar 2018 Colin instab pożittiv għad-droga eroina. Huwa kkontesta dan ir-riżultat li iżda kien ikkonfermat. Il-kampjun li ttieħed fis-6 ta' Marzu 2018 irriżulta fin-negattiv għas-sustanzi illeċiti u dak li tat-13 ta' April 2018 irriżulta fil-pożittiv għall-kokaina. Colin ikkontesta dan ir-riżultat u dan irriżulta fin-negattiv għas-sustanzi lleċiti. Dawn il-kampjuni ttieħdu kollha mill-awtoritajiet tal-FKK minħabba li fil-preżent l-imputat qed jinżamm taħt arrest dwar dan il-każ odjern.*

*Waqt li qed jinżamm ġewwa l-FKK, Colin kellu appuntament mal-psikjatra Dr Maria Axiak, li min-naħa tagħha ordnatu jieħu xi mediċina.*

*Ir-rekords tal-Jobsplus juru li Colin ħadem ġurnata waħda biss f'impjieg regolarizzat iżda jgħid li ġieli ħadem bħala biċċier u bħala bouncer. Fix-xhur li għaddew, waqt li qed jinżamm ġewwa l-FKK, Colin għamel xi żmien jaħdem fil-kċina tal-istess Faċilità kif ukoll xi xogħol tal-pupi iżda fil-preżent huwa m'għadux qed jagħmel dan ix-xogħol.*

*Il-vittma f'dan il-każ, Jurgen Bugeja sostna li jixtieq kumpens għad-dannu finanzjarju li sofra partikolarment minħabba l-ħsarat li saru fil-magni ġewwa l-Mr Clean Car Wash. Finalment huwa esprima x-xewqa li Colin jingħata l-għajnuna neċessarja biex jindirizza d-diffikultajiet li jinsab għaddej minnhom.*

***Pjan ta' kura***

*L-Uffiċjal tal-Probation jemmen li jkun għaqli li Colin jimpenja ruħu bis-serjetà u jindirizza l-problema tad-droga. Ta min jinnota li matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, huwa applika għall-programm ta' rijabilitazzjoni, liema programm għandu jgħinu jgħeleb sfidi bil-għan li ma jerġax jirritorna lejn il-kriminalità. Colin għandu jibqa' jiġi segwit ukoll minn konsulent psikjatra u dan bil-għan li jieħu l-kura anke mill-aspett psikjatriku.*

*Barra minnhekk, tinħass il-ħtieġa li wara li jtemm il-programm ta' rijabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga, Colin jibqa' f'kuntatt ma' xi Aġenzija li taħdem f'dan is-settur filwaqt li jkollu impjieg regolarizzat li jipprovdih b'ċertu struttura u li jwasslu sabiex ikun jista' jgħix ħajja indipendenti anke mill-aspett finanzjarju.*

***Rakkomandazzjoni***

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, qed jiġi umilment issuġġerit lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jingħata piena karċerarja filwaqt li matul dan iż-żmien jingħata l-opportunità li jipparteċipa fi programm residenzjali. Qed ikun suġġerit ukoll li Colin jibqa' jkun segwit minn psikjatra u hekk kif ikun ser jittermina s-sentenza karċerarja, huwa għandu jiġi mgħejun biex isib impjieg regolarizzat.*

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena u kien hemm qbil li l-Qorti ghandha timxi mar-rakomandazzjoni fil-Pre-Sentencing Report li *"għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, qed jiġi umilment issuġġerit lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jingħata piena karċerarja filwaqt li matul dan iż-żmien jingħata l-opportunità li jipparteċipa fi programm residenzjali. Qed ikun suġġerit ukoll li Colin jibqa' jkun segwit minn psikjatra u hekk kif ikun ser jittermina s-sentenza karċerarja, huwa għandu jiġi mgħejun biex isib impjieg regolarizzat."*

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

---

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**<u>Ghin ruhek biex Alla jghinek</u>**

Fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, ladarba l-imputat stess ma kienx ha l-opportunita mogħtija lilu, l-imputat jrid jifhem li jrid jgħin ruħhu biex Alla jgħinu.

L-imputat ma jistax jippretendi li l-Qorti tagħlaq għajnejha għal dan il-fatt. L-imputat jekk irid l-għajnuna jrid ikun huwa l-ewwel li jxammar il-kmiem. L-għajnuna ta' ħaddieħor mingħajr impenn serju tieghu ma huma ser iwasslu mkien.

Il-Qorti trid izzomm quddiem għajnejha mhux biss id-drittijiet tal-imputat. Il-Qorti tifhem li mhux kulħadd għandu x-xorti tajba li jkollu ħajja tajba u l-bogħod mill-kriminalita'. Il-bniedem għandu s-setgħa tar-rieda u tar-raguni.

Illi in rigward tal-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura repettitiva tar-reati mwettqa mill-imputat, in-nuqqas tieghu li jottempera ruhu mal-ligi u tal-karattru refrattiv tieghu. Is-socjeta` jixirqilha protezzjoni minn

persuni bhal l-imputat li jahseb li jista' jibqa jghaddi biz-zmien lis-socjeta' inkluz il-Qrati. Ma jistax ikun li fis-satra tal-lejl jibqa' jkollna min johrog jisraq u johloq alarm bla bzonn fis-socjeta'.

Il-Qorti ma tistax tibqa' cassa quddiem min l-opportunitajiet li jinghata jinjorhom

Il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat hi **piena karcerarja effettiva**.

**DECIDE:**

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni u minnha tilliberah u wara li rat Artikoli 49, 50, 17f, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih tikkundannah **tmintax (18)-il xahar prigunerija**.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet snin mil-lum bil-ghan illi jeghleb il-vizzju tad-droga u dan billi fost ohrajn, jibda u jlesti programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li jipprovdu programmi ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u dan dejjem skont kif rakkomandat lilu mill-professjonisti li ser ikunu qeghdin isegwuh, inkluz billi jibqa' f'dan iz-zmien f'kuntatt mal-Agenzija koncernata u anke jhalli kampjuni tal-urina ghal testijiet ghall-presenza o meno ta' sustanzi illeciti

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal- Probation u Parole, kif ukoll lid-Direttur Generali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, sabiex il-hati jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad- droga.

L-Ufficjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni skont Artikolu 579 tal-Kap 9 l-Qorti ma tpoggietx f-sitwazzjoni biex tkun tista' taghmel dan ghaliex kopja ta' dawn il-kundizzjonijiet u t-tip ta' garanziji li kienu imposti ma kinetx prezentata fl-atti u ghalhekk mhix tilqa' din it-talba-

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa ma joqghodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trattament.

---

**Ft./Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Vera kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**